MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2013

Appell Civili - Ghawdex Numru. 7/2009/2

**Tarcisio u Grace konjugi Rapa**

**Vs**

**Xi Tabone**

Il-Hamis, 7 ta’ Novembru 2013.

Permezz ta’ sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Inferjuri tal-14 ta’ Mejju 2013 (fol. 165) giet michuda t-talba tal-atturi ghall-hlas ta’ sitt elef hames mija u tmien ewro (€6,508) bilanc ta’ prezz ghall-bejgh li sar fis-16 ta’ Lulju 2003 permezz ta’ kuntratt pubbliku tas-16 ta’ Lulju 2013 pubblikat min-nutar Dr Michael Refalo. Min-naha tal-konvenuta:-

i. Opponiet ghat-talba billi ddikjarat:-
(a) It-talba attrici ghandha tigi michuda ghaliex m’ghandha thallas xejn, ukoll fid-dawl tal-kontro-talba.
(b) Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Ipproponiet ukoll rikonvenzjoni fejn ippremettiet li kienet sofriet hsara minhabba li r-restaurant Xi Restaurant, Vjal it-Tmienja ta' Settembru, Xaghra, Ghawdex ma kellux access konformi mal-guidelines u regoli tal-Kummissjoni Nazzjonali dwar Persuna b'Dizabilita'. Il-konvenuta allegat li kien hemm ksur tal-garanzija tal-pacifiku pussess u ghalhekk talbet id-danni minghand l-atturi fl-ammont ta' sitt elef hames mija u tmien ewro u seba' u ghoxrin centezmu (€6,508.27), li ddeskriviethom bhala spejjez li ghamlet sabiex il-fond sar accessibbli skond il-guidelines fuq imsemmija.

B'sentenza tal-14 ta' Mejju 2013 l-ewwel qorti cahdet it-talbiet rispettivi tal-partijiet.

Permezz ta' rikors prezentat fit-3 ta' Gunju 2013 l-atturi pproponew appell u qalu li:-

1. Is-sentenza tal-ewwel qorti hi *extra petita*.
2. Il-konvenuta eccepiet it-tpacija u mbaghad allegat li kienet ghamlet hlas ghas-saldu lill-atturi li gie accettat minnhom.
3. Id-difiza tal-konvenuta huma kontradittorji.
4. L-ewwel qorti kienet zbaljata meta kkonkludiet li l-pagament li ghamlet il-konvenuta kien ghas-saldu ghaliex l-atturi accettawh.

Il-konvenuta wiegbet permezz ta' twegiba prezentata fl-4 ta' Lulju 2013 billi rribattiet ghal kull wiehed mill-aggravji.

Il-qorti ser tghaddi biex tikkunsidra l-aggravji tal-appellanti:

1. ***<u>Sentenza extra petita</u>***.

Il-qorti ma taqbilx ma' dan l-aggravju peress li fl-ewwel eccezzjoni l-appellata qalet li m'hijiex debitrici tal-appellanti: *"[….] **<u>anke</u>** fid-dawl tal-kontro-talba segwenti"* (enfazi tal-qorti). Mela l-eccezzjoni hi li m'hijiex debitrici tal-appellanti, **<u>ukoll</u>** minhabba r-rikonvenzjoni. L-appellata ressqet provi biex turi li m'hijiex debitrici, fosthom l-ittra tad-29 ta' Dicembru 2007 fejn jinghad li qeghda tibghat

hlas ghas-saldu. Certament li l-ewwel qorti kellha d-dmir li tiddeciedi fuq il-provi li ressqu l-partijiet, u tiddeciedi dwar l-effett ta’ dak il-hlas. Korrettement hija tat il-fehma taghha dwar il-konsegwenzi legali meta l-appellanti sarrfu l-bank draft anness mal-ittra tad-29 ta’ Dicembru 2007 li fiha kien jinghad li l-hlas qieghed isir ghas-saldu. Dan qieghed jinghad irrispettivament jekk taqbilx jew le ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel qorti.

2. ***<u>Kellu japplika l-principju selecta una via non datur recursus ad alteram</u>***.

L-appellanti jsostnu li l-appellata allegat it-tpacija u meta falliet qabdet triq ohra. Il-qorti ma taqbilx. L-appellata kienet qeghda ssostni li hi hallset lill-appellanti u li f’kull kaz kienet debitrici taghhom.

3. ***<u>Difizi kontradittorji</u>***.

Aggravju iehor li hu nfondat peress li m’hemm xejn kontradittorju li wiehed jargumenta li l-obbligazzjoni li kellu fil-konfront tal-atturi spiccat bil-hlas, u fl-istess kaz jipproponi kontro-talba fejn jitlob lill-qorti tikkundanna lill-atturi jhallsuh id-danni. Ovvjament dan jista’ jwassal ghal tpacija *ipso jure*, fl-eventwalita’ li l-qorti tiddeciedi li z-zewg partijiet ghandhom ragun fir-rigward tal-pretensjonijiet rispettivi taghhom.

4. ***<u>Il-pagament li sar flimkien mal-ittra tad-29 ta’ Dicembru 2007 giet accettat bhala hlas akkont</u>***.

L-Ewwel Qorti kienet waslet ghal konkluzjoni li l-partijiet kienu ttransigew ‘il kwistjonijiet ta’ bejniethom. Fir-rigward tal-appellanti Rapa ghamlet riferenza ghall-ittra li kienet intbaghatet mill-konvenuta flimkien ma’ pagament ta’ Lm9,2066 fejn inghad:-

*“…. My client therefore still owes you the sum of Lm9206 in full and final settlement of your rights and claims against her. It is therefore my pleasure to include a draft for this amount payable to Mr Tarcisio Rapa in settlement of all amounts due by Ms Tabone to you. Kindly*

*acknowledge receipt directly to Mrs Tabone. Please note that if you decide not to encash this draft you are to return it to my offices so that this will be cancelled and the relative amount will then be deposited in Court in your favour"* (fol. 86). Il-qorti qalet li peress li l-atturi sarrfu c-cekk ifisser li accettaw il-flus bil-kundizzjoni li l-hlas qieghed isir ghas-saldu[1].

Fir-rigward ta' dan l-aggravju 'l fatti rilevanti huma li:-

i. Permezz ta' skrittura privata datata 15 ta' Gunju 2003 (fol. 47), l-appellata obbligat ruhha li thallas lill-appellanti s-somma ta' Lm60,000 li kellhom jithallsu f'perjodu ta' hames (5) snin permezz ta' pagamenti ta' Lm12,000 fl-1 Dicembru ta' kull sena. Mill-iskrittura ma jirrizultax x'inhi l-*causa* ta' dan il-ftehim.
ii. Fis-16 ta' Lulju 2003 l-appellanti bieghu lill-appellata l-fond Xi Restaurant fix-Xaghra, Ghawdex ghall-prezz ta' Lm55,000 (fol. 42).
iii. Permezz ta' ittra legali datata 29 ta' Dicembru 2007 (fol. 86) l-appellata ghamlet riferenza ghas-somma ta' Lm12,000 dovuta lill-appellanti *"[…] in terms of the contracts and private writings previously signed between you on Xi Xi Restaurant, Eighth September Avenue, Xaghra"*. Fl-ittra jinghad li skond il-permess ta' zvilupp l-art kellha tkun livell mat-triq, sabiex b'hekk ikun accessibbli ghal min ghandu dizabilita. Madankollu peress li l-bini ma kienx konformi mal-permess qalet li kellha taghmel spejjez fl-ammont ta' Lm2,794. Ghaldaqstant iddikjarat li kienet qeghda tibghat *bank draft* fl-ammont ta' Lm9,206 ***"[….] in full and final settlement of your rights and claims against her"***. Fl-ittra jinghad ukoll li jekk ma jaccettawx il-hlas, *"[….] you are to return it to my offices so that this will be cancelled, and the relative amount will then be deposited in Court in your favour"*.
iv. F'ittra legali datata 2 ta' Jannar 2008 (fol. 56) l-appellanti kkonfermaw li rcevew Lm9,206 u fl-istess hin interpellaw lill-appellata thallas is-somma ta' Lm2,794

[1] In sostenn l-ewwel qorti ghamlet riferenza ghall-gurisprudenza li ssostni li jekk id-debitur joffri pagament ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tal-kreditur, dan tal-ahhar m'ghandux jedd li jinjora l-offerta u jaccetta l-hlas b'kundizzjonijiet li huma *"nkonsistenti ma' offerta ta' pagament a saldu"*.

bhala bilanc. Ziedu jghidu li: *"Your excuse to withold the amount above mentioned from the full amount is being refuted"* u gharrfu li jekk ma thallasx fi zmien erbat ijiem minn meta tircievi l-ittra, kienu ser iharrkuha.

Il-qorti hadet konjizzjoni tal-gurisprudenza li ghamlu riferenza ghaliha l-partijiet dwar il-konsegwenza meta debitur jaghmel hlas ghas-saldu[2]. Fis-sentenza **Peter Vella de Fremaux et vs Eagle Star (Malta) Limited et** deciza mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Novembru 2012, il-qorti ossevat li:-

*"Illi l-atturi jsemmu kazistika ricenti li fiha l-Qorti tal-Appell [Inferjuri], u l-Qorti tal-Appell [Superjuri] fissru li l-principju enuncjat fis-sentenza Apap v. Gasan, fuq citata, mhuwiex wiehed assolut u jistghu jezistu cirkostanzi fejn ikun gust li l-Qorti thoss li ghandha tiddipartixxi minnu. Din il-Qorti tosserva li huwa minnu li jistghu jezistu cirkostanzi li jwasslu lill-Qorti gudikanti biex tiddipartixxi minn dan il-principju, imma dawn huma kazijiet eccezzjonali li l-fattispecie taghhom manifestament jirrendu dan il-principju inapplikabbli. Hekk, per ezempju fil-kawza Agius Marble Works Ltd v. AX Construction Limited kien hemm sitwazzjoni ambigwa, fejn il-pagament li sar lill-kreditur, ghalkemm kien dikjarat li kien qed jigi effetwat "in full and final settlement" lampantament ma kienx ikopri x-xoghlijiet addizzjonali li kienet wettqet is-socjeta` kreditrici, u ghalhekk kien jidher car li c-certificate of payment ma kienx jirreferi ghal dawn ix-xoghlijiet li ma kienux indikati fih."*.

Din il-qorti ma taqbilx mal-interpretazzjoni li tat l-ewwel qorti meqjus li:-

[2] L-appellanti ghamlu riferenza ghal **Michele Tabone et vs Emanuele Sammut nomine**; **Francis Ciantar vs Norman Clews**, Prim'Awla, 12/10/2005; **Johann Schembri vs Charlot Mifsud**, Appell (Inferjuri), 19/10/2005; **Peter Attard vs Lawrence Pullicino**, Qorti tal-Appell, 23/3/2008. L-appellata ghamlet riferenza ghas-sentenzi **W. Apap vs J. Gasan**, 6/11/1986; **Francis Penza vs John Mallia**, Qorti tal-Appell, 5/5/1991; **Raymond Bonnici vs Horace Tonna**, Qorti tal-Appell u **Peter Vella de Fremaux vs Eagle Star (Malta) Limited**, Qorti tal-Appell, 9/11/2012;

1. Fl-ewwel lok kienet l-appellata li qabdet u b'mod unilaterali ddecidiet li mis-somma ta' Lm12,000 kellha tnaqqas l-ammont ta' Lm2,794.
2. Ghalkemm fl-ittra tad-29 ta' Dicembru 2007 jinghad li l-hlas qieghed isir ghas-saldu, l-appellanti ma accettawhx kif wara kollox ikkonfermat fl-ittra tat-2 ta' Jannar 2008.
3. L-appellata kienet debitrici tal-appellanti u ma kellha l-ebda jedd li fuq ammont li dwaru ma kienx hemm kontestazzjoni, cjoe' s-somma ta' Lm9,206, timponi kondizzjonijiet. Is-somma ta' Lm9,206 ma kellha l-ebda rabta mal-pretensjoni ta' l-appellata ghall-hlas ta' Lm2,794 bhala danni. L-appellata ddecidiet li arbitrarjament ghandha tnaqqas is-somma ta' Lm2,794 mill-ammont ta' Lm12,000 dovut lill-appellanti. L-uniku kwistjoni li kien hemm bejn il-partijiet kienet dwar jekk il-bilanc ta' Lm2,794 kienx ghadu dovut lill-appellanti gialadarba l-appellata kellha pretensjoni ghad-danni fl-ammont ta' Lm2,794.
4. Meta l-appellanti sarrfu c-cekk fl-ammont ta' Lm9,206 ghamlu sew. B'hekk ma kienu qeghdin jaghmlu xejn ghajr li jithallsu dak li kien dovut lilhom u li dwaru ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni. L-appellata ma kellha l-ebda dritt li timponi kundizzjoni dwar is-somma li m'hemm l-ebda kontestazzjoni li kellha thallas lill-appellanti.
5. M'hemm l-ebda prova li l-appellanti qatt accettaw l-ilment tal-appellata kif spjegat fl-ittra tad-29 ta' Dicembru 2007.
6. L-ewwel qorti rragunat li l-appellata ma kellix jedd tippretendi hlas ta' Lm2,794 minhabba li fit-2 ta' Dicembru 2006 kien sar kuntratt ta' transazzjoni (fol. 51) fejn fost'affarijiet ohra gew tranzatti l-kwistjonijiet kollha ta' bejn il-partijiet. Transazzjoni li skond l-ewwel qorti regghet giet konfermata fi skrittura privata tat-2 ta' Dicembru 2006 (fol. 53) fi klawzola (g)[3]. L-ewwel qorti kkonkludiet li dawn il-ftehim kienu jinkludu wkoll l-ilment dwar l-access ghal gewwa r-restaurant minhabba li f'ittra datata 4 ta' Ottubru

[3] *"The debtor is renouncing to her claims and rights against the debtors for any compensation arising from any discrepancies between the approved permits and plans relating to the restaurant, and the actual buildings and constructions of the restaurant as delivered by the vendors to the purchasers on the deed of sale of the sixteenth (16th) July two thousand and three (2003), or as today existing".*

2005[4] kien diga' ssemma. Meqjusa dawn ic-cirkostanzi l-ewwel qorti kkonkludiet:*"Ghalhekk gialadarba l-konvenuta wkoll kienet ittransigiet il-pendenzi kollha li kellha dwar ir-restaurant in kwistjoni permezz tal-ftehim milhuq bejnha u l-atturi fit-2 ta' Dicembru 2006, ma setghetx imbaghad terga' tirreklama ebda danni ohra konnessi ma' l-istes restaurant"*. Dan ir-ragunament u konkluzjoni tal-ewwel qorti fihom infushom huma konferma kemm l-appellata ma kellha l-ebda jedd li unilateralment tibghat biss hlas ta' Lm9,206.

Ghal dak li jikkoncerna r-rikovenzjoni, id-decizjoni tal-qorti hi *res judicata* gialadabra l-appellata ma appellatx minn dik il-parti tas-sentenza[5].

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tqies li r-raba' aggravju tal-appellanti huwa gustifikat. Ghaldaqstant tvarja s-sentenza f'dik il-parti fejn cahdet it-talba tal-appellanti, u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-appellata tilqa' t-talbiet tal-appellanti u tikkundanna lill-appellata thallashom is-somma ta' sitt elef hames mija u tmien ewro u seba' u ghoxrin centezmu (€6,508.27) bl-imghax bir-rata ta' 5% b'effett mill-15 ta' Gunju 2008. Spejjez a karigu tal-appellanti. Tibqa' kif inhi dik il-parti tas-sentenza li ddecidiet dwar il-kontro-talba.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[4] Fol. 83.

[5] Fil-fatt fit-twegiba qalet: *"[...] l-esponenti filwaqt illi taghmel referenza ghall-provi kollha prodotti u tirrizerva illi tipproduci provi ohra f'dana l-istadju, titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad l-appell interpost mill-appellanti in toto u tikkonferma s-sentenza appellata,……"*.